MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 10/2010

**Bernard Schranz ID149163M**

**vs**

**Anthony u Nadette konjugi Abela ID274354M u ID317660M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-attur qed jitlob minghand il-Konvenuti s-somma ta' elfejn, mitejn, hamsa u tmenin Ewro tlieta u sebghin centezmi (€2,285.73c) prezz ta' cangatura u transport tal-istess.

**Ra** r-RISPOSTA li xejn mhu dovut lill-Attur billi l-kuntratt ta' bejgh tac-cangatura qatt ma gie finalizzat.

**Ra** li b'sentenza preliminari tat-30 ta' Ottubru 2012 l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni *ai termini* tal-art 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet michuda.

II PROVI

1. Hawn qed jingibu siltiet mix-xhieda izda t-TRIBUNAL iqis dak kollu mressaq quddiemu bhala provi u li jinsab fil-process.

2. L-attur **Bernard Schranz** qal li kellu cangatura li flokha ried iqieghed madum u l-konvenut qallu li kien interessat jakkwistaha, izda ma setax ihallas mil-ewwel il-prezz imsemmi ta' LM3.50 kull cangatura. Ftehmu u ghamlu arrangement biex jittrasporahomlu. Il-konvenut gab it-trakk tieghu u min jaqla c-cangatura jhallsu l-Konvenut. It-trasport sar minn Birkirkara ghal Villa Madama, Balzan.

3. Zied li l-*quantum* fl-AVVIZ jinkludi l-hlas tal-qlugh – li hu ghadu ma hallasx. Ghat-talba ghall-hlas il-konvenut kien iwiebgeb billi jitlob zmien ghax kien imsallab.

4. In kontro-ezami qal li l-ftehim sar f'Dicembru 2007 u l-qlugh f'Jannar 2008. Ma sar xejn bil-kitba ghax kienu hbieb kbar.

5. **Maris Farrugia** inzertat fil-karozza maghhom meta tkellmu fuq ic-cangatura. Taf li l-konvenut accetta l-akkwist u l-prezz izda ma kellux flus dak il-hin. Kienet prezenti meta ntalab il-hlas u l-konvenut kien jghid li m'ghandux flus u anke semma problemi mal-bank u subasta. Kien semma li pogga c-cangatura Villa Madama.

6. Fl-affidavit tieghu (*a fol* 55) il-Konvenut **Anthony Abela** qal li hu u l-Attur kienu hbieb sa ma minn tfulithom. Qal li kienu qed jitkellu fuq aktar minn 250 cangatura u lill-Attur qallu li l-prezz mitlub kien gholi u c-cangatura anqas kellu bzonnha. Offrielu izda li jifrixhom fil-gnien ta' Villa Madama biex ikun jista jsir il-madum li ssemma. Kellem zewg periti biex jara kienux interessati jixtruhom. Kien jaf li m'ghand Rotin ta' Haz Zabbar kien qed jinbieghu LM2 kull cangatura, inkluzi VAT u transport. Eventwalment iltaqghu u ghoddew 266 cangatura. Ma riedx jiffirmalu ghalihom billi "la ridt nixtrihom u lanqas kelli bzonnhom" u "kont bqajt mieghu li hu sata jigi ghalihom meta jrid". Wara sar jaf b'sekwestru kontrih fil-bank.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Meta jqis kollox it-TRIBUNAL isib li l-Atturipprova l-kaz tieghu u dana skond il-kriterji tal-prova *in civilbus*. Dak li asserixxa l-attur, konfortat bix-xhieda ta' Maris Farrugia hu aktar accettabbli.

2. Dan hu kas fejn ftehim bil-miktub ma kienx *sine qua non* anke ghax iz-zewg nahat qablu dwar hbiberija sa minn tfulithom. L-Attur, b'konferma ta' Maris Farrugia, sostna li l-konvenut qallu li ma kellux flus f'idejh u talab iz-zmien. Stante li din l-imgieba tal-Konvenut giet ripetuta ghadd ta' drabi din hi fiha nnifisha ammissjoni li dak li l-Attur isostni li hu dovut lilu, kien tassew hekk.

DECIZJONI

Meqjus dan kollu t-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Konvenuti (2) **jaccetta** t-Talba Attrici (3) **jikkundanna** lill-Konvenuti biex ihallas lill-Attur il-*quantum* mitlub ta' elfejn, mitejn, hamsa u tmenin Ewro tlieta u sebghin centezmi (€2,285.73c) liema hlas ghandu jsir sa mhux aktar tard minn erbghin (40) jum mil-lum u f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundanna** lill-konvenuti biex ihallas l-isejjes tal-kawza inkluzi dawk tas-sentenza preliminari tat-30 ta' Ottubru 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------